TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NUMRU 2436

Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech

Każ Numru: 3022/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

Raymond Micallef

U

Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited

Dwar: tkeċċija mill-impjieg li hija inġusta

Illum 16 ta' Settembru 2016

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar tkeccija ingusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**Preliminari**

Ir-rikorrenti ippreżenta rikors quddiem it-Tribunal diversement kompost fejn iddikjara li kien impjegat mas-soċjeta fuq bażi indefinittiva bħala finishing operator sa min-Novembru 1994. Fil-ġranet tat-28 u 29 ta' Frar 2012 huwa kien xogħol u għalkemm iddikjara l-ammont ta' bċejjeċ prodotti b'mod preċiż is-soċjeta akkużatu bi ksur ta' klawsola 18 (b) tal-Ftehim Kollettiv li taqra : 'L-impjegati kollha huma obbligati li jagħtu l-ammont korrett ta' bċejjeċ prodotti. In-nuqqas li wieħed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja (għal finijiet ta' ċarezza, li wieħed jirrekordja l-ammont korrett ta' bċejjeċ prodotti jinkludi li wieħed jirrekordja l-informazzjoni fis-sistema kompjuterizzata tal-kumpannija) iwassal għal azzjoni dixxiplinarja severa, li tista' twassal għal tkeċċija'. Ir-rikorrenti ġie akkużat mis-soċjeta li fid-dati imsemmija kien hemm diskrepanza ta' cycles bejn dak li ddikjara huwa. Ir-rikorrenti saħaq li l-ftehim kollettiv ma jitkellem xejn dwar

cycles imma jitkellem dwar bċejjeċ u mingħajr preġudizzju għal dan anke li kieku wieħed kellu jaċċetta li n-numru ta' cycles ma kienx korrett, tenut kont tat-tul tal-impjieg tiegħu dan ma kellux iwassal għall-aktar piena ħarxa u ċjoe tat-tkeċċija anke tenut kont tal-fatt li l-produzzjoni tas-soċjeta ma ġiet ippreġudikata bl-ebda mod. Ir-rikorrenti għaldaqstant talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni mill-impjieg tiegħu kienet waħda inġusta u tordna lir-rikorrenti jiġi reintegrat f'xogħlu u jitħallas kumpens ġust.

Is-soċjeta ddikjarat illi t-tkeċċija tar-rikorrenti kienet waħda ġusta u timmerita konferma stante illi din saret kompletament entro it-termini tal-artikolu 18(b) tal-Ftehim Kollettiv. Waqt il-proċeduri dixxiplinarji irriżulta ampjament ċar li r-rikorrenti niżżel informazzjoni falza u kien hemm qerq da parti tiegħu fir-recordings li niżżel fis-sistema. Dan il-qerq irriżulta f'nuqqas serju ta' produzzjoni u fi spejjeż kbar għall-kumpannija, inkluż ħela ta' liquid nitrogen u danni ta' wear and tear fil-magni minħabba under utilisation.

**Sinteżi tax-xhieda**

John Jones prodott mill-kumpannija xehed kien production manager mal-kumpannija għal perjodu ta' kważi sentejn spjega x'kien xogħol ir-rikorrenti u ċjoe li jagħmel finishing tal-o rings. Dan kien isir permezz tal-cryogenic machine li kienet tkessaħ l-o rings għal minus 80 degrees celcius sabiex il-materjal eċċessiv isir brittle u permezz ta' plastic shots dan jitkisser u jitneħħa min mal-o rings. Ir-rikorrenti kien jopera din il-magna u magni oħra simultanjament. Il-magni l-oħra jikkonsistu f'satima li kienet tagħmel speċi ta' polishing. L-operators kienu jaħdmu sistema ta' tlett xiftijiet ta' tmien sigħat-il wieħed. Ix-xhud spjega kif taħdem il-cryogenic machine bil-liquid nitrogen u kif kienet tiġi operata. Spjega li din il-magna tieqaf biss għall-break tal-operator u idealment ma tiqafx bejn cycle u ieħor ma tantx ikun hemm ħin peress li hija trid tkessaħ għal minus 80 degrees iktar ma ddum wieqfa iktar ser terġa' tisħon u dan jirriżulta f'ħela ta' nitrogen. Jekk iddum wieqfa tista' wkoll issirilha ħsara minħabba li jekk is-silġ li jkun hemm magħha jinħall ikun hemm ħafna ilma u meta terġa' tkessaħ dan isir friża u jista' jagħmel ħsara fid-drum tagħha. Waqt il-break tal-operator fil-fatt idealment jingħatalha cycle twil anke vojta biex ma titlifx it-temperatura. Ix-xhud qal li fil-perjodu li huwa kien production manager beda jara xi problemi fil-production. Dawn il-problemi kienu li fost il-ġurnata l-operators kienu qed ilaħħqu u ta' bil-lejl kienu jidhru li mhux qed ilaħħqu. Biex jagħmel monitoring ta' din is-sitwazzjoni kien xtara data logger li ġew installati fil-magni tal-cyrogenic sabiex jagħmlu monitoring tas-cycles li qed isiru fil-magna. Meta twaħħlu dawn irriżulta li kien qed ikun hemm xi abbużi fix-xifts ta' bil-lejl meta ma kienx ikun hemm il-management. Dawn l-abbużi kienu li kien qed jitniżżel ammont ta' cycles fuq il-karta meta skont id-data logger kien jirriżulta mod ieħor. Dwar il-każ tar-rikorrenti is-Sur Jones ippreżenta production sheet u data logger report tal-24 u tas-27 ta' Frar 2012 u dawn qablu eżattament. Ix-xhud spjega li għal ġurnata partikolari qala' d-data logger minn fuq magna u meta reġa' waħħalha fuq l-istess magna ma waħħalhiex fl-istess post u ma kinitx tidher. Meta għamel hekk irriżulta li kien hemm diskrepanza bejn il-production sheet u d-data logger report. Dan ġara fit-28 u 29 ta' Frar 2012. Skont il-production sheet kien hemm 58 cycles iddikjarati filwaqt li d-data logger irrekordjat 44 u l-magna għamlet

kważi sagħtejn u nofs wieqfa skont il-logger. Fit-28 ta' Frar fil-production sheet kien hemm imniżżel li saru 57 cycles u d-data logger irrekordja 41 u li l-magna għamlet xi perjodi wieqfa. Wara li raw dan huma talbu għal spjega bil-miktub ta' dan li ġara f'dawn iż-żewġ dati. Ix-xhud ippreżenta żewġ ittri li kien irċieva mingħand ir-rikorrenti bi spjega ta' x'kien ġara. Fl-ewwel ittra qal li l-magna kienet qegħda taħdem. Xi ġranet wara l-ewwel ittra waslet it-tieni ittra fejn ikkonferma li l-magna ma kinitx qed taħdem għal xi ħinijiet għaliex ma kellux xogħol. Minħabba li l-ispjegazzjoni tar-rikorrenti ma ġietx aċċettata l-kumpannija mxiet kif imxiet f'każijiet preċedenti, ġie sospiż u sar bħal tribunal fil-kumpannija stess. Ix-xhud spjega li ma ħa l-ebda deċiżjoni u kien biss xhud f'dawn il-proċeduri. Mistoqsi jekk ix-xhud kienx jaf li r-rikorrenti ma kienx jaf jikteb ix-xhud qal li ma setax ikun konxju għax il-production sheet timtela' kienet pero qal li ma kienx jaf li r-rikorrenti ma jafx jikteb.

Permezz ta' nota s-soċjeta ppreżentat xhieda ta' Martin Hignett mogħtija nhar is-17 ta' Mejju 2012 fil-każ 301/MG fl-ismijiet 'Robert Axiaq, Luciano Callus, Kevin Deguara vs. Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited'. Martin Hignett xehed li huwa l-Managing Director għall-kumpannija f'Malta. Is-Sur Hignett xehed dwar il-produzzjoni tal-kumpannija u l-prodotti li tipproduċi u ċjoe air rings li huma safety critical seal li jintużaw f'equipment differenti. Ix-xhud spjega li dak li jipproduċu huma jintużaw fi fuel injectors u jekk dan is-seal jillekja jew inkella b'xi mod ma jaħdimx dan jirriżulta fil-fuel joħroġ mill-exhaust u l-karozza tieħu n-nar. Huma jipproduċu wkoll materjal għal braking systems fejn jintużaw air rings li jekk dawn ma jaħdmux jirriżultaw fil-karozza ma tiqafx meta jintgħafas il-brake. Ix-xhud spjega li bħala kumpannija ilhom ħafna jipproduċu dan il-materjal u għandhom safety u reliability record tajjeb ħafna. Minħabba f'hekk huwa importanti ħafna li kull prodott li jimmanifatturaw ikun perfett għaldaqstant huwa importanti li l-proċessi kollha jsiru skont il-paperwork. Dawn il-proċessi ħadu snin sabiex jiġu żviluppati, huma ddokumentati u kollox irid jiġi segwit. Huwa spjega li huma jiġu awditjati minħabba s-sigurta u jekk waqt l-awditjar jinstab li l-proċessi mhux qed jiġu segwiti rigorosament jistgħu jitilfu ċ-ċertifikazzjoni tagħhom. Ix-xhud spjega x'inhu xogħol l-operators. Dwar l-ispejjeż involuti f'dan il-proċess ix-xhud spjega li l-ispejjeż prinċipali huma l-elettriku u l-liquid nitrogen. Kull magna tikkonsma xi €10,000 liquid nitrogen kull sena għaldaqstant huwa importanti li din tintuża b'mod effiċjenti. L-iktar mod effiċjenti kif jitħaddem il-proċess huwa li l-magni jaħdmu 24/7. Dan isir permezz ta' 3 xift system u anke nhar ta' Sibt.

Louis Farrugia, Commercial Director fi ħdan il-kumpannija spjega li ilu jaħdem mal-kumpannija erbgħin sena u fost ir-responsabbiltajiet tiegħu hemm każijiet ta' dixxiplina gravi. Hu qal li kien hemm każijiet li ddeċieda favur il-kumpannija u każijiet li ddeċieda kontra. Il-każijiet tad-dixxiplina jinstemgħu quddiemu, jisma l-verżjoni taż-żewġ partijiet u wara jieħu deċiżjoni skont il-kuxjenza. Ix-xhud ikkonferma li l-każ tar-rikorrenti kien instema' quddiemu. Ix-xhud ippreżenta żewġ kampjuni ta' kif ikun il-materjal qabel jitpoġġa ġol-magna u kif joħroġ wara l-magna Mevo. Id-diskrepanza dwar is-cycles ġrat darbtejn wara xulxin. Fil-proċeduri dixxiplinarji r-rikorrenti kien ikkonferma dak li kien hemm miktub fil-production sheet u fl-istess ħin qabel ma' li kien hemm fid-data logger. Meta ra dan ix-xhud kien qallu li xtaqu jispjegalu d-diskrepanza. Ix-xhud qal li r-rikorrenti kien qallu li fit-28 ta' Frar kien hemm 8 cycles fejn il-barmil flok imlieh darba imlieh darbtejn u dan kontra il-proċedura tal-kwalita'. Fit-

tieni ġurnata għamel hekk b'seba' cycles. Skont ix-xhud anke b'din l-ispjega hemm diskrepanza ta' 20% u 17% rispettivament. Wara li qallu dan kollu x-xhud ħaseb fuq il-każ u kkonkluda li r-rikorrenti kien għamel kollox premeditat biex ikun hemm informazzjoni falsifikata u anke ċertu qerq u għalhekk iddeċieda li jtemm l-impjieg tiegħu. Li jimtela l-barmil darbtejn f'cycle wieħed jista' jkollu konsegwenzi gravi għaliex il-kumpannija trid timxi skont il-proċeduri stabbiliti għaliex tirriskja li titlef iċ-ċertifikazzjoni jekk jirriżulta li qed ikun hemm xi ksur ta' dawn il-proċeduri. Ix-xhud kien jaf li r-rikorrenti ma kienx jaf jaqra u jikteb pero qal ukoll li l-production sheet dejjem imliha. Ix-xhud qal li irrelevanti jafx jikteb u jaqra għaliex huwa kien ikkonfermalu dak li kien kiteb. Ix-xhud qal ukoll li kellu fiduċja sħiħa li d-data loggers jaħdmu kif suppost. Minn meta twaħħlu d-data loggers kien hemm ammeljorament fil-produzzjoni f'ċertu oqsma. In kontro eżami x-xhud qabel li r-rikorrenti dejjem qal li meta rrekordja cycles doppji dan kien żball u fl-ebda ħin ma qal li dak li għamel kien premeditat. Mistoqsi dwar il-klawsola 18 tal-Ftehim Kollettiv ix-xhud qal li għalkemm il-klawsola ssemmi bċejjeċ, l-ispirtu ta' dik il-klawsola kienet li fejn ikun hemm qerq l-impjegat jiġi imkeċċi. Fil-każ tar-rikorrenti, fid-dipartiment tiegħu x-xogħol ma kienx jitkejjel bil-bċejjeċ imma bis-cycles pero kull cycle ifisser numru ta' bċejjeċ. Ix-xhud qal li meta tgħabbi magna doppja ikun hemm ħafna  scrap pero ma huwa ma kellux prova li f'dan il-każ kien hemm produzzjoni ta' scrap. Ix-xhud qal li l-prodott bilfors jiġi ċċekjat u meta ġie mistoqsi jekk irriżultalux li kien hemm xi prodotti withdrawn f'dawk il-jumejn ix-xhud ma kienx kapaċi jwieġeb.

Ir-rikorrent xehed u spjega x'kien xogħlu. Spjega li wara li jlesti huwa minn xogħlu dan jiġi ċċekjat mic-checkers. Spjega li jekk isibu xi ħaġa mhux f'postha dawn mill-ewwel jinfurmawh u jgħaddulu x-xogħol lura biex jerġa' jiffinixjah. Ir-rikorrenti spjega li kien ilu sbatax-il sena jaħdem fuq l-istess magni u qal li dera x-xogħol mill-A saż-Ż. Ir-rikorrent spjega li dak inhar tat-28 u 29 ta' Frar 2012 daħal xogħol u ħadem bħas-soltu u għamel lejl sħiħ għaddej. Spjega li niżżel żewġ cycles għax kien tefa' żewġ bramel. Hu kien obbligat jagħmel ix-xogħol li kien hemm fil-boroż u ma kienx obbligat b'xi ammont ta' produzzjoni. Skont ir-rikorrenti huwa m'għamilx inqas milli kien ġie mitlub li jagħmel iżda għen lill-kumpannija għax mexxa x-xogħol aħjar. F'dawk il-jumejn ma ġie l-ebda xogħol lura mingħand iċ-checkers. Hu spjega li Jones kien ifaħħru f'xogħlu. Wara li ħarġitlu l-akkuża r-rikorrenti qal li lill-kumpannija kien qalilha li ħadem kollox kif suppost. Spjega li niżżel żewġ bramel għaliex li kieku ma niżżilhomx kien qisu qed jisraqhom. Spjega li ma jistax ikun li l-mevo tieqaf għall-ħinijiet li qalet il-kumpannija għaliex kieku ġara hekk l-magna kienet tiġi għasra imbagħad il-plastic shots ta' ġo fiha kienu jgħaqdu u jiġu ballun u ssodd il-katusi. Spjega li darba f'ġimgħa jitfuha, jagħmlu t-tilari taħtha u it-Tnejn filgħodu jkunu mimlijin bl-ilma tant kemm tkun mimlija silġ għalhekk qatt ma jista' jkun li twaqqafha tlett sigħat u nofs. Ir-rikorrenti qal li prodotti u cycles huma l-istess għaliex jekk tagħmel cycle inqas ħa jkollok inqas prodotti. Hu qal li skantat li akkużatu l-kumpannija għaliex ix-xogħol għaddielu kollox tajjeb u li kieku għamel inqas xogħol kienu jgħidulu ukoll. Hu qal li din l-ispjega taha lill-bord imbagħad għajtulu fl-uffiċċju u qalulu li ser itellfuh il-job. Dak inhar kien daħal miegħu Jason. Qal li mhux qed jaħdem u qiegħed jirreġistra. Mistoqsi jekk kellux twissijiet jew għaddiex minn proċedura ta' dixxiplina r-rikorrent qal li xi tmien snin qabel qala' twissija fuq o rings irqaq għaliex kien tfixkel fihom. In kontro eżami r-rikorrenti ikkonferma li ma jafx jikteb u jaqra. Mistoqsi dwar kif kien jimla l-production sheet huwa qal li numri u ismu kien jaf jikteb u ma kellux problema biex jimliha. Ir-rikorrenti kkonferma li meta jimla l-barmil doppju huwa kien iniżżel żewġ cycles u kien jagħmel hekk għaliex kieku l-kumpannija ma tkunx taf kemm għadda xogħol. Qal li għamel hekk għaliex hemm ċertu xogħol li

meta titfa' aktar milli suppost ma jiġri xejn u fil-fatt qatt ma qalulu li sabulu xogħol ħażin. Ir-rikorrenti qal li b'li għamel kien qiegħed jgħin lill-kumpannija għaliex għaddielha aktar xogħol u ffrankalha n-nitrogen. Hu qal li kien ilu juża l-istess sistemi kemm kien ilu jaħdem mal-kumpannija. Ir-rikorrent qal ukoll li production bonus ma kellux imma kellu biss paga.

Jason Deguara jieħu ħsieb it-Taqsima tal-Ilma u l-Enerġija tal-GWU xehed dwar l-involviment tiegħu fil-każ tar-rikorrenti. Spjega li twaqqaf bord hekk kif stipulat fil-ftehim kollettiv. Bħala union huwa ddefenda lir-rikorrenti u meta telgħu quddiem il-bord ir-rikorrenti ta l-istess spjega li kien taha lit-Tribunal. Ix-xhud spjega kif ħmistax qabel kienu tkeċċew żewġ persuni kważi fuq l-istess każ. Fil-proċeduri dixxiplinarji ħareġ ċar li r-rikorrenti għamel il-bċejjeċ kollha u għamilhom tajbin għaliex ħadd miċ-checkers ma bagħat xogħlu lura. Waqt il-proċedura fl-ebda ħin il-bord ma kien qal li l-bċejjeċ m'għamilhomx kollha imma l-kwistjoni kollha kienet minħabba s-cycles. Pero meta ħarġet is-sentenza din qalet li r-rikorrenti tkeċċa għaliex ma għamilx in-numru ta' bċejjeċ li suppost saru min-naħa tiegħu. Waqt is-smiegħ tal-bord tad-dixxiplina x-xhud qal li ma saritx referenza għall-artiklu tal-ftehim kollettiv li għalih saret referenza fis-sentenza.

**Sinteżi tat-trattazzjoni**

Dr. Galea Debono għall-kumpannija qalet li l-kumpannija tipproduċi o rings li huwa prodott li għandu użu essenzjali għall-aħħar għaliex jintużaw għall-brakes u huma component essenzjali f'diversi prodotti. Għalkemm jiġu prodotti miljuni kull ma trid hija li tmurlek waħda ħażin u jkollok inċident ikrah. Għal din ir-raġuni hemm proċeduri ta' kif għandhom isiru l-affarijiet u l-impjegati jridu jimxu ma' dawn il-proċeduri. Il-kumpannija qalet li r-rikorrenti xehed u ammetta illi l-proċeduri tal-kumpannija li jaf bihom qabad u kisirhom. Meta l-kumpannija daħlilha suspett u installat data logger l-management indunat li l-proċeduri mhux talli kienu qegħdin jiġu injorati imma kienu qed jinkisru bl-aktar mod lampanti. Ħareġ ċar kemm mid-data logger kif ukoll mill-ammissjoni tar-rikorrenti li kien qed jitfa' iktar minn barmil wieħed f'kull cycle. Huwa bla sens li f'dan il-każ kien qed isir referenza għal bċejjeċ għax ħadd mhu ser joqgħod jgħodd l-o rings u huwa ċar li l-barmil huwa l-piż u huwa l-barmil li għandu x'jaqsam ma' kull cycle. Wara li tela' bord tad-dixxiplina l-kumpannija ddeċidiet li titterminalu l-impjieg għaliex li għamel kienet xi ħaġa gravissima. Ma jistax ikun li l-impjegati jgħidu lill-kumpannija kif għandha taħdem u f'dan il-każ kien hemm just cause. Il-kumpannija rreferiet għax-xhieda li tellgħet hija fejn ġie spjegat l-importanza tax-xogħol li tagħmel il-kumpannija, ta' kif jaħdmu l-magni u d-data logger u l-importanza ta' barmil wieħed u għal dik tar-rikorrenti fejn sempliċiment qal li huwa deherlu li seta' jagħmel li għamel, li kien ilu jagħmel hekk u li fuq kollox ma ġara xejn. M'huwiex il-punt li ma ġara xejn u lanqas ma huwa l-punt li għaddew mill-inspection u ma ġie nnutat xejn għax l-inspection bl-għajnejn umani ssir u għaldaqstant ma jfisser xejn.

Dr. Critien għar-rikorrenti qalet li dan it-Tribunal ma jridx jiddeċiedi fuq xi ħaġa ipotetika pero jrid jiddeċiedi jekk il-kumpannija kinitx validament, legalment u oġġettivament ai terminu tal-ftehim kollettiv ġustifikata li tkeċċi lir-rikorrenti abbażi tal-akkużi li akkużatu bihom. Ir-rikorrenti ma ġiex akkużat bi ksur ta' proċedura la quddiem il-bord tad-dixxiplina u lanqas quddiem dan it-Tribunal. Huwa ġie mkeċċi abbażi tal-klawsola tal-ftehim kollettiv li ġiet iċċitata

fir-rikors promotur. Il-ftehim kollettiv huwa ċar u m'huwiex aċċettabli li r-rikorrenti issa jiġi akkużat bi ksur ta' proċedura. Huwa ġie akkużat li iddikjara n-numru ta' prodotti ħażin. Jekk il-kumpannija deherilha li l-proċedura hija tant importanti li ma tistax tinkiser kien id-dover tagħha li tara li takkuża lir-rikorrenti b'akkuża li riedet takkużah biha u hu kien ikollu l-opportunita li jiddefendi ruħu minn dik it-tip ta' akkuża. L-artiklu tal-ftehim kollettiv qatt ma jista' jiġi applikat għax ir-rikorrenti ddikjara b'mod korrett in-numru ta' biċċiet li ġew prodotti. Il-ftehim kollettiv isemmi bċejjeċ u la proċedura u lanqas cycles. Għaldaqstant ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni falza.

In replika Dr. Galea Debono qalet li bl-eda mod ma ppruvat tbiddel ir-raġuni għalfejn ġie mkeċċi l-impjegat. Hija rreferiet għal proċedura fis-sens ta' x'wieħed għandu jagħmel permezz ta' cycles u permezz tal-produzzjoni tal-materjal. Hija sostniet li r-rikorrenti għamel dikjarazzjoni falza fuq il-production sheet tiegħu għaliex ma kienx hemm qbil bejn x'qal id-data logger u dak li kiteb fil-production sheet.

Dr. Critien in kontro replika reġgħet sostniet li l-artiklu tal-ftehim kollettiv in kwistjoni jitkellem dwar bċejjeċ u mhux dwar cycles. Skont il-provi prodotti ma saret l-ebda dikjarazzjoni falza fejn jidħlu bċejjeċ, in-numru ta' bċejjeċ dikjarati u dawk prodotti jikkombaċu għaldaqstant qatt ma jista' jkun hemm ksur ta' dan l-artikolu.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jinnota illi la l-union u lanqas l-impjegati ma ġew infurmati li ser jitwaħħal data logger mal-magni. Hija prassi industrijali li meta jkun hemm suspetti ta' qerq hekk kif kellha l-kumpannija, isiru diskussjonijiet mal-union rikonoxxuta sabiex jittieħdu passi sabiex jekk qed ikun hemm xi qerq jew xi skartar dan jiġi risolt. Għal finijiet ta' trasparenza u relazzjonijiet industrijali tajbin kien ikun għaqli min-naħa tal-kumpannija li tidħol f'diskussjonijet mal-union u l-ħaddiema jiġu infurmati li ser jitwaħħal id-data logger.

Il-kumpannija ġabet l-argument li huwa importanti li l-bċejjeċ prodotti ikunu siguri, u li bl-aġir tar-rikorrenti, fost riskji oħra, setgħet titlef l-ISO certification tagħha, żewġ argumenti li huma validi. Pero t-Tribunal jinnota li fl-istess waqt il-kumpannija ma ġabet l-ebda prova li kien hemm xi xogħol ħażin min-naħa tar-rikorrenti. Il-kumpannija lanqas ma ġabet l-ebda prova illi qatt inġibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti fuq dak li kien qed jagħmel għaldaqstant dan it-Tribunal jikkonkludi li dan l-inċident li wassal għat-tkeċċija tar-rikorrenti kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu.

Is-soċjeta akkużat lir-rikorrenti bi ksur ta' klawsola 18 (b) tal-Ftehim Kollettiv li taqra : *'L-impjegati kollha huma obbligati li jagħtu l-ammont korrett  ta' bċejjeċ prodotti. In-nuqqas li wieħed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja (għal finijiet ta' ċarezza, li wieħed jirrekordja l-ammont korrett ta' bċejjeċ prodotti jinkludi li wieħed jirrekordja l-informazzjoni fis-sistema kompjuterizzata tal-kumpannija) iwassal għal azzjoni dixxiplinarja severa, li tista' twassal għal tkeċċija'.*

Fl-analiżi ta' din il-klawsola, t-Tribunal jasal li jaċċetta l-argument tal-kumpannija illi l-ispirtu tal-Ftehim Kollettiv kien jirreferi għal cycles meta hemm referenza għal bċejjeċ għaliex

m'huwiex prattiku illi wieħed joqgħod jgħodd l-o rings pero' hawn it-Tribunal jirrakkomanda illi din il-klawsola tiġi emendata ħalli l-ambigwita' li ħolqot tiġi ċċarata. It-Tribunal jinnota li r-rikorrent kien ilu jaħdem mal-kumpannija għal numru konsiderevoli ta' snin u f'dawn is-snin qatt ma kellu problemi għajr għal twissija li inħarġet tmien snin qabel ġie mkeċċi. It-Tribunal jirrimarka li dan il-fatt kellu jġorr piż sostanzjali għall-kumpannija meta kienet qegħda tiddelibera dwar il-każ odjern għaliex impjegat li dejjem kien leali lejn il-kumpannija u qeda dmiru bl-aħjar mod possibli m'għandux jiġi kkastigat b'dak li hija meqjusa bħala l-piena kapitali fil-qasam tax-xogħol u ċjoe it-tkeċċija mal-ewwel inċident serju li jkun ikkommetta. Fil-fatt il-klawsola tal-Ftehim Kollettiv tagħti diskrezzjoni lill-kumpannija dwar l-azzjoni dixxiplinarja u t-tkeċċija ma hijiex mandatorja u fil-fehma ta' dan it-Tribunal, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-kumpannija setgħet użat din id-diskrezzjoni sabiex tagħti sanzjoni serja lir-rikorrenti mingħajr ma tkeċċih.

**Decizjoni:**

Wara li sema' x-xhieda kollha prodotti, evalwa d-dokumenti u t-trattazzjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal jiddeċiedi illi t-terminazzjoni mill-impjieg kienet waħda inġusta iżda ma jilqax it-talba tar-rikorrenti li jiġi reintegrat f'xogħlu.

**Kumpens:**

Wara li qies il-fatti kollha tal-kaz, l-eta` tar-rikorrenti u kif ukoll il-potenzjal tiegħu għax-xogħol it-Tribunal jiddeċiedi sabiex jordna lis-soċjeta` intimata tagħti kumpens ta' għaxart elf ewro (€10,000) lir-rikorrenti illi għandhom jitħallsu fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

**Drittijiet:**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**(iffirmata)**

Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju